# OPINJONI Nru 3/2007

# TA' L-AĠENZIJA EWROPEA DWAR IS-SIGURTÀ FL-AVJAZZJONI

**biex temenda r-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2002 dwar regoli komuni fil-qasam ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni, sabiex testendi l-iskop tagħha għar-regolazzjoni tas-sigurtà u l-interoperabbiltà ta' l-ajrudromi**

# I. Ġenerali

1. Meta adotta r-Regolament (KE) Nru 1592/2002 dwar regoli komuni fil-qasam ta' l-avjazzjoni ċivili li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni[1] ("ir-Regolament Bażiku"), il-leġiżlatur tal-Komunità stieden lill-Kummissjoni biex tagħmel kemm jista' jkun malajr[2] proposti xierqa biex testendi l-iskop taggħa għall-operazzjonijiet ta' l-ajru u l-liċenżjar ta' l-ekwipaġġ tat-titjira. Il-leġiżlatur tal-Komunità antiċipa[3] wkoll l-applikazzjoni futura tar-Regolament Bażiku u l-iżvilupp tar-rekwiżiti essenzjali (ERs), għal kull żona oħra relatata mas-Sigurtà fl-Avjazzjoni ċivili, skond proposti leġiżlattivi sussegwenti. Għalhekk il-Kummissjoni, meta ppreżentat il-proposta tagħha[4] għall-ewwel estensjoni tal-kompetenzi ta' l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni (EASA) għall-operazzjonijiet ta' l-ajru, il-liċenzjar ta' l-ekwipaġġ tat-titjira u s-sigurtà ta' ajruplani ta' pajjiżi terzi, ħabbret ukoll[5] l-intenzjoni tagħha biex testendi b'mod progressiv dawn il-kompetenzi, fil-perspettiva ta' "metodu tas-sistema totali", għas-sigurtà u l-interoperabbiltà ta' l-ajrudromi/ajruporti, is-Servizzi tan-Navigazzjoni bl-Ajru (ANS) u l-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru (ATM).

2. Ir-Regolament Bażiku jiddefinixxi, bħala waħda mill-ħidmiet ta' l-Aġenzija, l-għoti lill-Kummissjoni ta' l-assistenza teknika meħtieġa[6], kif ukoll l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' Opinjonijiet li fuqhom il-Kummissjoni tibbaża l-proposti leġiżlattivi taghha dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni ċivili[7]. L-Opinjoni preżenti ġiet żviluppata b'dan il-mod. Għalhekk l-Aġenzija qiegħda hawnhekk tippreżenta lill-Kummissjoni l-Opinjoni tagħha bl-intenzjoni li tissodisfa l-impenni inklużi fil-Komunikazzjoni KUMM(2005) 578 finali tal-15 ta' Novembru 2005 fir-rigward tas-sigurtà u l-interoperabbiltà ta' l-ajrudromi.

3. Din l-Opinjoni hija komposta mill-memorandum preżenti, li jispjega l-fehmiet ta' l-Aġenzija dwar il-politika li ssaħħaħ ir-regolazzjoni tas-sigurtà u l-interoperabbiltà ta' l-ajrudromi fil-livell tal-Komunità, u li tissuġġerixxi l-kontenut ta' l-emendi li għandhom isiru lir-Regolament Bażiku u lid-Direttiva dwar il-*ground handling* biex tiġi implimentata l-politika proposta msemmija. Din l-Opinjoni tinkludi wkoll f'allegati Anness ġdid mar-Regolament Bażiku li jinkludi r-rekwiżiti essenzjali (ERs) għas-sigurtà u l-interoperabbiltà ta' l-ajrudromi u l-Valutazzjonita' l-Impatt Regolatorju (RIA).

---

[1] Ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2002 dwar regoli komuni fil-qasam ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea (Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurta` fl-Avjazzjoni) (ĠU L 240, 7.09.2002, p. 1.). Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 334/2007 (ĠU L 88, 29.3.2007, p. 39).

[2] L-Artikolu 7.

[3] Ir-*Recitals* 2 u 23 *ibidem*.

[4] Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-15 ta' Lulju 2002 dwar regoli komuni fil-qasam ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea (Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurta` fl-Avjazzjoni)- KUMM(2005) 579 finali tas-16 ta' Novembru 2005.

[5] Komunikazzjoni KUMM(2005) 578 finali tal-15 ta' Novembru 2005 mill-Kummissjoni lill-Kunsill, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni – "Nestendu l-ħidmiet ta' l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurta` fl-Avjazzjoni: aġenda għall-2010".

[6] L-Artikolu 12 tar-Regolament Bażiku.

[7] L-Artikolu 14.1 *ibidem*.

## II. Konsultazzjoni

### a. Notifika ta' l-Emenda Proposta 06/2006

4. Din l-Opinjoni ġiet adottata wara l-proċedura speċifikata mill-Bord tat-Tmexxija ta' l-Aġenzija [8], skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 14 tar-Regolament Bażiku.

5. "Dokument ta' Konsultazzjoni dwar il-prinċipji bażiċi u r-rekwiżiti essenzjali (ERs) għar-regolazzjoni tas-sigurtà u l-interoperabbiltà ta' l-ajrudromi" ġie ppubblikat fuq il-websajt ta' l-Aġenzija (www.easa.europa.eu) fis-16 ta' Mejju 2006 (NPA Nru 06/2006). Fih l-Aġenzija spjegat il-qafas istituzzjonali li fih tista' ssir ir-regolazzjoni ta' dawk l-attivitajiet; u r-raġunijiet għalfejn l-istruttura stabbilita diġà bir-Regolament Bażiku għar-regolazzjoni ta' aspetti oħra tas-Sigurtà fl-Avjazzjoni ċivili kellha tintuża wkoll għar-regolazzjoni tas-sigurtà ta' l-ajrudromi. F'dan il-kuntest l-Aġenzija ppreżentat abbozzi ta' Rekwiżiti Essenzjali (ERs), li jiddefinixxu l-għanijiet tas-sigurtà imposti mil-leġiżlatur filwaqt li jiżguraw konformità ma' l-obbligi ta' l-ICAO[9] ta' l-Istati Membri.

6. Id-dokument ta' konsultazzjoni ppreżenta wkoll is-suġġerimenti ta' l-Aġenzija, li jieħdu minn prattiċi aċċettati fil-preżent, għal prinċipji wesgħin għar-regolazzjoni tas-sigurtà ta' l-ajrudromi fil-kuntest tal-Komunità. Fl-aħħar id-dokument talab l-opinjoni tal-persuni interessati dwar numru ta' mistoqsijiet li għalihom kellu bżonn rispons, biex tiġi ddefinita politika konsenswali biżżejjed li fuqha jibni l-Opinjoni preżenti.

### b. Dokument ta' Risposta għall-Kummenti (CRD 06/2006)

7. In-NPA Nru 06/2006 attirat interess konsiderevoli u l-persuni interessati talbu estensjoni tal-perijodu normali ta' konsultazzjoni ta' tliet xhur biex jippreparaw aħjar il-pożizzjonijiet tagħhom; dwar dan kien hemm qbil. Għalhekk id-data ta' l-egħluq oriġinali (16 t'Awwissu 2006) kienet ġiet pospota b'xahrejn; l-Aġenzija qieset ukoll il-kummenti li rċeviet sa Novembru 2006. 3,010 kummenti ġew rreġistrati minn madwar 1850 persuna interessata, bil-parti l-kbira minnhom ikunu individwi. Madankollu, huwa importanti li wieħed isemmi li 91 rispondent kienu Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni, operaturi ta' l-ajrudromi jew l-assoċjazzjonijiet tagħhom, kumpaniji oħra jew organizzazzjonijiet ta' kummerċ, kif imniżżla fil-Valutazzjoni ta' l-Impatt Regolatorju mehmuż (RIA). Konsegwentament, f'termini kwantitattivi u kwalitattivi, jista' jitqies li r-rispondenti lin-NPA jikkostitwixxu kampjun rappreżentattiv tas-soċjetà Ewropea affettwata.

8. Il-kummenti kollha rreġistrati ġew ikkonfermati w inkorporati f'Dokument ta' Risposta għall-Kumment (CRD), li kien jinkludi inventarju tat-tweġibiet lid-disa' mistoqsijiet magħmula fin-NPA, lista tal-persuni u l-organizzazzjonijiet kollha li

---

[8] Deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija dwar il-proċedura li għandha tiġi applikata mill-Aġenzija biex toħroġ Opinjonijiet, Speċifikazzjonijiet ta' Ċertifikazzjonijiet u Materjal ta' Gwida. L-EASA MB/7/03 tas-27.06.2003 ("Proċedura dwar it-tfassil ta' regoli"), sussegwentament emendata u sostitwita bid-Deċiżjoni tal-Bord tat-TmexxijaMB/08/2007 tat-13 ta' Ġunju 2007.

[9] B'mod partikolari l-Anness 14 (Ajrudromi) mal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali ffirmata f'Chicago fis-7 ta' Diċembru 1944, li stabbilixxiet l-Organizzazzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO).

taw il-kummenti, it-tweġibiet mill-Aġenzija għal dawk il-kummenti, u finalment Memorandum Spjegattiv li jissuġġerixxi l-possibbiltà ta' linji gwida ta' politika. Id-CRD 06/2006 ġie ppubblikat fil-05 Mejju 2007 fuq il-websajt ta' l-Aġenzija u għadu hemm biex jinqara.

## ċ. Reazzjonijiet għad-CRD 06/2006

9. L-Aġenzija rċeviet 103 reazzjoni għad-CRD 06/2006 minn 15-il persuna interessata: erba' Awtoritajiet (BMVBS-GE, CAA-UK, DGAC-FR u ENAC-IT), ACI Europe, erba' persuni oħra interessati fl-operazzjonijiet ta' l-ajrudromi, EUROCONTROL, AEA, linja ta' l-ajru waħda, GAAC u żewġ assoċjazzjonijiet professjonali, li jirrappreżentaw 16.5% tal-91 organizzazzjoni li oriġinarjament kienu wieġbu għan-NPA. Indirettament dan jista' jissuġġerixxi li aktar minn 80% tar-rispondenti oriġinali għan-NPA kienu komdi biżżejjed bil-linji gwida ta' politika antiċipati mid-CRD. Madankollu, il-paragrafi li ġejjin jiddeskrivu l-punti ewlenin imqajma fir-reazzjonijiet u jwieġbu t-tħassib li dawn iqajmu.

10. B'mod ġenerali l-persuni interessati jtennu l-ftehim tagħhom dwar l-istabbilment ta' rekwiżiti essenzjali uniformi f'livell għoli ġewwa l-Komunità sħiħa, bil-kundizzjoni li l-imsemmija rekwiżiti jiżguraw konformità ma' l-obbligi ta' l-ICAO ta' l-Istati Membri u ma jintroduċux tibdil rivoluzzjonarju għal prattiċi nazzjonali eżistenti. Ftit kienu dawk il-persuni interessati li talbu għal darb'oħra biex jiċċaraw ir-relazzjoni bejn ir-regoli komuni ta' l-UE u l-Istandards ta' l-ICAO, kif ukoll it-tqassim tar-rwoli u r-responsabbiltajiet bejn l-Aġenzija u l-awtoritajiet regolatorji nnominati fuq livell nazzjonali.

11. L-Aġenzija mbagħad ċċarat li wieħed mill-għanijiet prinċipali tar-Regolament Bażiku[10] huwa li tassisti lill-Istati Membri jwettqu l-obbligi tagħhom skond il-Konvenzjoni ta' l-ICAO. L-Annessi ta' l-ICAO madankollu ma jorbtux minnufih legalment. Għalhekk l-Opinjoni preżenti tipproponi li t-traspożizzjoni ssir, għall-31 Stat involuti kollha, f'daqqa[11] fl-istess data permezz ta' l-adozzjoni ta' sett wieħed ta' rekwiżiti. Dawn ir-rekwiżiti, kif ukoll ir-regoli implimentattivi meħuda għall-implimentazzjoni tagħhom, se jissostitwixxu l-liġi nazzjonali, mingħajr ma joħolqu saff addizjonali ta' leġiżlazzjoni, kif ikun konsistenti mas-sistema tal-Komunità. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, assistiti mill-Aġenzija, ikunu marbuta jivverifikaw l-implimentazzjoni korretta tagħhom imma ma jkollhom l-ebda setgħa awtonoma biex jimponu rekwiżiti addizzjonali f'oqsma suġġetti għal din il-leġiżlazzjoni tal-Komunità.

<u>(i) Kummenti mitlufa għan-NPA 06/2006</u>

12. Sfortunatament minħabba li s-sistema ta' l-IT ta' l-Aġenzija tgħabbiet iżżejjed (*overload*) meta ġew irreġistrati l-kummenti, messaġġ wieħed mill-Union des Aéroports Français (UAF) li kien jinkludi għaxar kummenti, u żewġ kummenti mill-Assoċjazzjoni ta' l-Ajruporti Ġermaniżi (ADV) intilfu matul il-konsultazzjoni oriġinali. Naturalment, dawn bagħtuhom mill-ġdid u l-kontribuzzjonijiet tagħhom ġew magħduda w analizzati fil-103 reazzjonijiet rreġistrati fid-CRD. Dawn il-kummenti jammontaw għal tnax biss mit-3010

[10] Kif stabbilit bl-Artikolu tiegħu 2.2(d)

[11] Dan jinkludi s-27 Stat Membru ta' l-UE flimkien ma' l-erba' Stati assoċjati (L-Islanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Isvizzera); barra dan, il-Ftehim taż-Żona Ewropea ta' l-Avjazzjoni Ċivili dalwaqt se jestendi dan għall-għaxar Stati Balkani, li huma jagħmlu parti ta' dan il-ftehim.

riċevuti (madwar 0.4%) u ħafna minnhom jirrelataw ma' kwistjonijiet li tqajmu diġà f'kummenti oħra. Il-valutazzjoni tagħhom ma tbiddilx l-analiżi globali diġà mogħtija fid-CRD. Fil-ftit każijiet fejn dawn il-kummenti ssuġġerew ideat mhux imfissra matul il-konsultazzjoni tan-NPA, biex kollox ikun fier, dawn tqiesu fl-Opinjoni preżenti.

(ii) Reazzjonijiet dwar il-korrettezza ta' l-analiżi tat-tweġibiet lin-NPA

13. Persuna waħda interessata qieset li kummenti tajba teknikament ma pproduċew l-ebda bidla fit-test, imma ġew biss ikkonfermati li kienu saru. L-Aġenzija tfakkar li, ħlief għall-abbozzi ta' l-ERs, din l-opinjoni m'hijiex proposta għal test legali; fir-rigward ta' l-ERs mehmuża, hija tqis li kull fejn kien possibbli saru bidliet meħtieġa biex iqisu l-kummenti li kellhom bażi teknika tajba. Din il-persuna interessata qalet ukoll li l-analiżi tat-tweġibiet għall-mistoqsija dwar is-segregazzjoni bejn ajrudromi "kbar" u "żgħar" ma kinitx ġusta għal kollox. Wara din ir-reazzjoni, l-Aġenzija vverifikat li fost 30 rispondent fuq dan il-punt, tlieta ma kinux ħadu pożizzjoni ċara ħafna, 13 raw id-distinzjoni bejn ajrudromi "kbar" u "żgħar" bħala mhijiex relevanti, imma 14, bil-kuntrarju, qishom fil-prinċipju aċċettaw id-distinzjoni. Madankollu, ma kienx hemm qbil ċar fosthom dwar il-kriterji u l-limiti minimi għal din is-segregazzjoni. Għalhekk din l-Opinjoni ma tipproponix l-użu tal-kliem "kbar" u "żgħar" fit-test legali, imma tissuġġerixxi minflok rekwiżiti aktar ħfief ipproporzjonati għall-ajrudromi anqas kumplessi.

14. Żewġ persuni oħra interessati qiesu li l-pożizzjoni tagħhom li kienet timmira biex tillimita l-kompetenza tal-Komunità biss għall-dawk l-ajrudromi miftuħa għat-traffiku kummerċjali regolari, ma nftehmitx. L-Aġenzija tosserva li hemm maġġoranza b'saħħitha favur li jiġu stabbiliti regoli komuni għall-ajrudromi kollha miftuħa għall-użu pubbliku. Barra minn dan, dan huwa konsistenti mal-metodu tas-sistema totali li l-maġġoranza tal-persuni interessati jiffavorixxu, u sostnut b'kunsiderazzjonijiet oġġettivi ekonomiċi u ta' sigurtà kif iddettaljati fil-RIA mehmuża.

15. Fl-aħħarnett, numru żgħir ta' persuni interessati kkunsidraw li xi ftit mill-kummenti tagħhom dwar punti speċifiċi ma nftehmux għal kollox. Wara li analizzat dawn il-kummenti mill-ġdid fid-dettal, l-Aġenzija taċċetta l-punt u qisitu meta ffinalizzat l-opinjoni preżenti.

16. L-Aġenzija kkonkludiet li l-korrettezza tal-proċess ġiet ikkritikata biss minn minoranza żgħira ta' dawk li pparteċipaw fil-konsultazzjoni, li jidher li jindika li r-riżultat tar-reviżjoni huwa ġeneralment aċċettat mill-maġġoranza. Konsegwentament l-Aġenzija ma rat l-ebda raġuni biex tbiddel l-analiżi globali li hija ppreżentat fid-CRD meta fformulat din l-Opinjoni, anke jekk il-konklużjonijiet tiegħu naturalment ma kinux jissodisfaw għal kollox il-persuni interessati Ewropej kollha. Allura hija temmen li din l-opinjoni tikkostitwixxi riflessjoni ġusta tal-maġġor parti tal-fehmiet espressi matul il-konsultazzjoni maqsuma f'żewġ passi li hija wettqet, dwar l-aħjar mezzi biex tiġi rregolata s-sigurtà ta' l-ajrudromi.

(iii) Reazzjonijiet oħra għad-CRD

17. 22 reazzjoni sempliċiment tennew kummenti li kienu tqiesu diġà meta t-tweġibiet għan-NPA ġew analizzati.

18. Ir-reazzjonijiet li kien fadal tal-55 persuna interessata (madwar 53%) inkludew diversi suġġerimenti ta' għajnuna, xi wħud minnhom bl-intenzjoni li jiċċaraw it-test spjegattiv, oħrajn jirrikkmandaw aġġustamenti lill-politika possibbli msemmija fid-CRD, b'mod partikolari fir-rigward tad-definizzjonijiet, l-iskop tal-leġiżlazzjoni tal-Komunità, il-limiti minimi, ir-regolazzjoni tat-tagħmir ta' l-ajrudromi, l-obbligi għall-istaff tas-RFFS jew l-għażla tal-kliem li għandu jintuża għall-ERs. Kollha kemm huma ġew meqjusa f'din l-Opinjoni. Dawn ir-reazzjonijiet enfassizzaw għal darb'oħra l-appoġġ kbir li jeżisti fir-rigward taċ-ċentralizzazzjoni fuq livell ta' l-UE, ir-regolazzjoni tas-sigurtà u l-interoperabbiltà ta' l-ajrudromi miftuħa għall-użu pubbliku. Naturalment dawn ir-reazzjonijiet jikkonfermaw ukoll li l-ħidmiet relatati maċ-ċertifikazzjoni u s-superviżjoni tas-sigurtà għandhom jitħallew lill-awtoritajiet kompetenti għal raġunijiet ta' qrubija, suġġetti għal superviżjoni xierqa ta' standardizzazzjoni mill-Komunità biex tiżgura l-uniformità u t-trattament ugwali. Ġeneralment, ir-reazzjonijiet jenfasizzaw ukoll li r-regoli implimentattivi sussegwenti m'għandhomx jidduplikaw Regolamenti oħra tal-Kummissjoni, għandhom ikunu proporzjonati u flessibbli biżżejjed biex jippermettu metodi alternattivi ta' konformità kull meta jkun jixraq, bil-kundizzjoni li jintlaħaq livell ekwivalenti ta' sigurtà.

## III. Il-Kontenut ta' l-Opinjoni ta' l-Aġenzija

### a. L-iskop ta' azzjoni komuni

19. Bħala prinċipju, l-iskop ta' azzjoni komuni huwa speċifikat fir-Regolament Bażiku, li l-estensjoni tiegħu għandha tgħid b'mod ċar liema infrastrutturi, prodotti, sistemi, tagħmir, servizzi, persuni jew organizzazzjonijiet huma affettwati. Bħala konsegwenza dawn ikunu suġġetti għar-rekwiżiti stabbiliti minn dan ir-Regolament u, kif jixraq, għar-regoli meħuda għall-implimentazzjoni tagħhom.

20. Bil-maqlub, kull infrastruttura, prodott, sistema, tagħmir, servizz, persuna jew organizzazzjoni mhux koperta bil-kompetenza tal-Komunità tibqa' taħt ir-responsabbiltà sħiħa ta' l-Istati Membri, li għandhom jieħdu, kif ikun jixraq, miżuri biex jipprovdu għal-livell ta' protezzjoni mistenni miċ-ċittadini tagħhom.

21. Meta tirregola l-ajrudromi[12] l-Aġenzija tqis li l-għan huwa li tipprovdi għas-sigurtà ta' ajruplani individwali, billi tiżgura li jkun hemm il-mezzi xierqa li jippermettu sicurtà fit-tlugħ, l-inżul u l-manuvri fuq l-art ta' ajruplan, filwaqt li l-Ġestjoni tat-Traffiku ta' l-Ajru jimmira prinċipalment biex jmexxi l-interazzjoni reċiproka bejn żewġ ajruplani jew aktar. Billi dawn iż-żewġ tipi ta' attività huma fundamentalment differenti, għandhom jiġu indirizzati separatament sabiex jiġu evitati s-soppravvent u l-konfużjoni. Għalhekk l-Opinjoni preżenti hija llimitata għas-sigurtà ta' l-infrastruttura ta' l-art u l-operat tagħha, kif tidher mill-perspettiva ta' l-operat minn ajruplan wieħed. Bħalissa qed tiġi ttrattata ħidma separata mill-Aġenzija biex tindirizza d-dimensjonijiet ta' l-ANS/ATM tas-Sigurtà fl-Avjazzjoni ċivili, fuq l-art u fil-fażijiet kollha tat-titjira, minn

[12] i.e. kull żona adattata b'mod speċjali, kemm fuq l-art, fuq l-ilma jew fuq struttura magħmula mill-bniedem jew fuq bastiment, biex fuqha l-ajruplani jagħmlu l-inżul (*landings*), it-tlugħ (*take-offs*) u l-manuvri tagħhom inkluż it-tagħmir ta' l-ajrudrom, l-installazzjonijiet u s-servizzi, li dawn l-operazzjonijiet jistgħu jinvolvu għall-obbligi tat-traffiku ta' l-ajruplani.

perspettiva ta' bieb (*gate*) għal bieb (*gate*). Se titwettaq konsultazzjoni separata, u tinħareġ opinjoni speċifika għal dan il-għan.

22. L-ajruplani jtiru minn post għal post u r-regoli mfassla biex jipprovdu għal-livell meħtieġ ta' sigurtà għandhom isiru jafu bihom u jinftiehmu mill-utenti kollha. Dan il-bżonn għall-interoperabbiltà huwa għalhekk mhux biss għodda biex tiffaċilita l-moviment ħieles tal-persuni, imma wkoll huwa obbligu essenzjali tas-sigurtà. Għalhekk l-Aġenzija tqis li l-interoperabbiltà ma tistax tiġi dissoċjata mis-sigurtà meta wieħed jirregola l-avjazzjoni ċivili, u li l-Opinjoni preżenti għandha tkopri wkoll obbligi ta' interoperabbiltà. Minkejja li jista' jkun hemm ħafna definizzjonijiet differenti ta' "interoperabbiltà" minn perspettivi differenti, l-intenzjoni hawnhekk hija biss li wieħed jittrasponi f'dispożizzjonijiet tal-Komunità l-obbligi li jinħtieġu biex jiżguraw li l-għanijiet ta' l-interoperabbiltà li jinsabu fl-Istandards u l-Prattiċi Rrakkomandati ta' l-ICAO jitqiesu wkoll, b'hekk jissalvagwardjaw is-sistema globali li huma jsaħħu. Dan ikollu jiġi rifless kif suppost fir-Regolament Bażiku.

23. F'dan il-kuntest l-Aġenzija tfakkar li l-għan tar-Regolament Bażiku jindirizza biss is-Sigurtà fl-Avjazzjoni ċivili u xi aspetti tal-protezzjoni ta' l-ambjent, esklużi l-aspetti tar-regolazzjoni ekonomika, li huma indirizzati b'leġiżlazzjoni jew inizjattivi separati tal-Komunità meta meqjusa xierqa, kif kien il-każ fil-bidu ta' l-2007, bit-tariffi ta' l-ajruporti[13].

<u>(i) Ajrudromi</u>

24. Kif diġà ssemma hawn fuq, il-maġġor parti tal-persuni interessati ffavorixxew il-prinċipju li l-ajrudporti kollha miftuħa għall-użu pubbliku[14] għandhom ikunu suġġetti għal regoli komuni u proporzjonati, irrispettivament mid-daqs, il-volum, it-tip u l-kumplessità tat-traffiku tagħhom, irrispettivament mill-proprjetà tagħhom kemm jekk pubblika kemm jekk privata, jew irrispettivament min-natura legali ta' l-operatur ta' l-ajruport. B'mod partikolari din kienet il-fehma ta' 18 –il awtorità minn 20 li wieġbu għan-NPA. Din il-limitazzjoni normalment ma taffettwax id-dritt ta' l-Istati Membri li jistabbilixxu regoli nazzjonali dwar l-ajrudromi esklużi mill-kompetenza tal-Komunità. Dan jista', per eżempju, ikun il-każ għal bażijiet li jintużaw għall-istruzzjonijiet fit-titjir, jew elidekkijiet fuq pjattaformi *off-shore,* jew eliportijiet fuq is-soqfa ta' sptarijiet, meta dawn l-ajrudromi ma jkunux miftuħa għall-użu pubbliku. Jitfakkar li r-regolament bażiku jeskludi ajruplani ta' l-Istat mill-iskop tal-kompetenza tal-Komunità; dan ifisser li l-ajrudromi wżati esklussivament għall-militar, id-dwana, il-pulizija, jew servizzi simili m'humiex affettwati mill-opinjoni preżenti.

25. Skond l-opinjoni mfissra b'mod ċar ta' persuna interessata, l-Aġenzija għalhekk hija ta' l-opinjoni li l-applikabbiltà tar-Regolament Bażiku għandha tiġi estiża għall-ajrudromi kollha miftuħa għall-użu pubbliku. Dan ikun konsistenti għal kollox mal-"metodu tas-sistema totali" segwit mil-leġiżlatur tal-Komunità, enfasizzat mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni KUMM(2005) 578 u msemmi

[13] KUMM(2006) 820 finali ta' l-24 ta' Jannar 2007 – Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tariffi ta' l-ajruporti.

[14] "miftuħ għall-użu pubbliku" tfisser li l-użu taż-żona u l-faċilitajiet ta' l-ajrudrom jistgħu jiġu ppjanati minn kull pilota-fil-kmand ta' titjira tat-Traffiku Ġenerali ta' l-Ajru (GAT), kemm minħabba li s-sigħat tal-ftuħ u s-servizzi disponibbli huma magħrufa mal-pubbliku, jew kemm minħabba punt ta' kuntatt, li mingħandu jiġi akkwistat permess minn qabel, jiġi ppubblikat flimkien ma' informazzjoni aċċessibbli għall-pubbliku dwar l-ajrudrom, bil-kundizzjoni li l-ajruplan u l-kwalifiki tal-pilota jikkonformaw ma' kundizzjonijiet tas-sigurta` mhux diskriminatorji.

mill-ġdid mill-Grupp ta' Livell Għoli stabbilit mill-Viċi-President Barrot biex jikkunsidra l-futur tar-regolazzjoni ta' l-avjazzjoni ċivili fil-kuntest tal-Komunità. Hekk kif l-Avjazzjoni Ġenerali tintegra għal kollox fis-sistema ta' l-EASA għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-ajrunavigabilità l-operazzjonijiet u l-liċenzjar tal-piloti, u se tkun naturalment suġġetta għal dik is-sistema fir-rigward tal-ġestjoni tat-traffiku ta' l-ajru, ma jkunx konsistenti, u jaf joħloq ukoll vojt ta' sigurtà, jekk ikunu l-ajrudromi biss li jiġu esklużi mill-qafas regolatorju li għandu jirregola dak is-settur ta' l-avjazzjoni ċivili.

(ii) Tagħmir ta' l-ajrudrom

26. In-NPA06/2006 staqsiet jekk it-tagħmir speċifiku ta' l-ajruport, bħall-għajnuniet viżwali u tan-navigazzjoni bl-ajru, is-sistemi ta' skoperta (*detection systems*) jew dawk meteoroloġiċi, l-apparat u t-trakkijiet tat-tifi tan-nar, etċ li jikkontribwixxu għall-operat b'sigurtà ta' xi ajruplan fi jew viċin l-ajruport, għandhomx ikunu rregolati fuq il-livell tal-Komunità. Għalkemm maġġoranza żgħira ta' rispondenti kienu kontra r-regolazzjoni tat-tagħmir ta' l-ajruport fuq livell tal-Komunità, ħafna persuni interessati prinċipali nsistew li l-implikazzjonijiet tas-sigurtà tat-tagħmir ta' l-ajruport ma jistgħux jiġu injorati. Xi wħud enfassizaw ukoll li standardizzazzjoni aħjar tat-tagħmir ta' l-ajruport tista' mhux biss tikkontribwixxi għas-sigurtà, imma wkoll biex ittejjeb il-proporzjoni ta' l-ispejjeż/il-kwalità. Madankollu enfasizzaw il-bżonn li jiġi evitat id-duplikazzjoni tar-regoli eżistenti, irrispettivament jekk humiex direttivi tal-"Metodu l-Ġdid" jew regoli implimentattivi tas-"Sema Wieħed Ewropew"[15]. Barra minn dan l-EASA ġiet imfakkra biex tieħu vantaġġ mill-istandards maħruġa minn korpi rikonoxxuti ta' standardizzazzjoni bħall-ISO, CEN, CENELEC, ETSI jew EUROCAE.

27. Għalhekk l-Aġenzija hija ta' l-opinjoni li t-tagħmir ta' l-ajruport li jikkontribwixxi b'mod dirett għall-operat b'sigurtà ta' ajruplan waħdu fuq l-art, għandu jiddaħħal fl-iskop tas-sistema ta' l-EASA. Filwaqt li mhux possibbli li tiġi ssettjata minn qabel lista preċiża tat-tagħmir affettwat minħabba li t-teknoloġija tevolvi, hija tissuġġerixxi li t-tagħmir kritiku għas-sigurtà jiġi identifikat każ b'każ fir-regoli implimentattivi msemmija fil-paragrafu ċ(i) hawn isfel. Meta jsir dan hija tirrikonoxxi li għandha tingħata attenzjoni biex jiġi evitat milli jkun hemm duplikazzjoni fin-natura tar-rekwiżiti li jkunu jindirizzaw l-istess tagħmir, u li għandhom isiru aġġustamenti xierqa ta' regoli eżistenti; tingħata wkoll kunsiderazzjoni xierqa biex tiġi żgurata l-konsistenza ta' proċessi regolatorji ma' dawk stabbiliti mis-"Ajru Uniku Ewropew" u l-"Metodu l-Ġdid".

(iii) Organizzazzjonijiet

28. Hemm qbil u ġie aċettat sew fuq livell ta' l-ICAO u dak Ewropew, li s-sigurtà ta' l-operazzjonijiet ta' l-avjazzjoni fl-ajrudromi m'hijiex żgurata biss bid-disinn ta' l-infrastruttura nnifisha, imma wkoll bil-ġestjoni kif suppost ta' l-operazzjonijiet u s-servizzi relatati ta' l-ajruport. Dan ġie ikkonfermat mill-persuni interessati meta kkummentaw fuq in-NPA. Tabilħaqq ċerti perikli jistgħu jitnaqqsu biss billi jiġu mposti rekwiżiti speċifiċi fuq l-organizzazzjonijiet involuti fl-operat ta' l-ajrudromi. L-Aġenzija taqbel ukoll ma' din il-pożizzjoni, u għalhekk hija ta' l-

[15] Ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-10 ta' Marzu 2004, li jistabbilixxi il-qafas għall-ħolqien tas-Ajru Uniku Ewropew (*ĠU L 096 31.03.2004 p.1*) u b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 552/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-10 ta' Marzu 2004 dwar l-interoperabbilta` tax-Xibka Ewropea ta' Amministrazzjoni ta' Traffiku ta' l-Ajru (netwerk Ewropew għall-Ġestjoni tat-Traffiku ta' l-Ajru) (*ĠU L 96, 31 ta' Marzu 2004, paġni 26-42*).

opinjoni li l-operaturi ta' l-ajrudromi [16] għandhom jiddaħħlu fl-iskop tar-Regolament Bażiku estiż. Ir-responsabbiltà tagħhom testendi milli joperaw u jmantnu l-infrastruttra u t-tagħmir ta' l-ajruport sabiex huma dejjem jissodisfaw l-iskop maħsub taghhom, u sa li jieħdu miżuri xierqa li jnaqqsu r-riskji f'każ ta' xi degradazzjoni.

29. Madankollu l-operat b'sigurtà ta' ajruplan jikkonsisti f'diversi sub-operazzjonijiet minn katina ta' atturi differenti. Filwaqt li l-operatur ta' l-ajruport huwa l-operatur prinċipali, ħafna oħrajn involuti fil-katina tas-servizz għandhom igħaqqdu u jikkoordinaw l-attivitajiet tagħhom biex jipprovdu għal sistema b'sigurtà għal kollox. L-Aġenzija hija ta' l-opinjoni li s-sinnifikat ta' din il-koordinazzjoni joħloq il-bżonn li teżiġi biex l-organizzazzjonijiet kollha, li l-attivitajiet tagħhom jistgħu jkollhom effett fuq is-sigurtà ta' l-ajruplan, inklużi l-operaturi ta' l-ajruplani, dawk li jipprovdu servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru, *ground handlers*, u kumpaniji li jipprovdu l-fjuwil, jintalbu legalment biex iħarrġu kif suppost il-persunal tagħhom intitolat għall-aċċess bla skorta fuq l-*airside*; biex jiddefinixxu u jimplimentaw proċeduri għax-xoghol fuq l-*airside*; u biex jikkooperaw fir-rappurtar u l-analiżi ta' ġrajjiet tas-sigurtà. Biex tiġi żgurata l-koordinazzjoni meħtieġa, dawn l-arranġamenti għandhom jiġu żviluppati taħt id-direzzjoni ta' l-operatur ta' l-ajruport.

30. B'mod ġenerali, it-tagħmir ta' l-ajruport installat ikun ivvalutat matul il-proċess taċ-ċertifikazzjoni ta' l-ajrport. Imbagħad jiġi assunt li d-direttivi adottati skond il-"Metodu Ġdid" u l-istandards ta' l-industrija relatati japplikaw għad-disinn u l-produzzjoni ta' dak it-tagħmir. Madankollu jaf ikun inġust li wieħed jeżiġi biex id-disinjaturi jew l-operaturi ta' l-ajrudromi jieħdu responsabbiltà għat-teknoloġiji li fuqhom huma ma jkollhom l-ebda kompetenza. Meta t-tagħmir ta' l-ajruport ikun kritiku għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni, jista' jkun xieraq għalhekk li wieħed japplika proċessi li jkunu wrew l-effiċjenza tagħhom għal egħxieren ta' snin fil-qasam ta' l-ajrunavigabilità[17], simili għas-sistema ETSO (i.e. "Ordni Ewropea għall-Istandards Tekniċi") użata għall-partijiet ta' l-ajruplani. Dawn is-sistemi huma mibnija fuq il-kapaċitajiet rikonoxxuti ta' l-organizzazzjonijiet, li jiddisinjaw jew jimmanifatturaw dan it-tagħmir. Għalhekk, l-Aġenzija hija ta' l-opinjoni li r-Regolament Bażiku estiż għandu japplika għall-organizzazzjonijiet tad-disinn u l-produzzjoni ta' tagħmir kritiku ta' l-ajruport, biex tħalli din l-għażla għal meta jkun l-aktar waqt xieraq biex dan it-tagħmir jiġi rregolat. Kif ġie spjegat diġà fil-paragrafu 27, għadu m'hux possibbli li jiġi ddefinit liema tagħmir jista' jkun suġġett għal dawn il-proċessi, għalhekk huwa aktar xieraq biex ikunu regoli implimentattivi futuri li jispeċifikaw meta se tintuża l-għażla, wara valutazzjoni xierqa u ġusta. Huwa importanti li wieħed josserva li din diġà hija s-sitwazzjoni fir-rigward ta' l-ajrunavigabilità ta' partijiet u strumenti.

(iv) Persunal

31. Matul il-proċess ta' konsultazzjoni ħafna kummenti enfasizzaw ir-relevanza tal-kompetenza ta' l-istaff professjonali għas-sigurtà ta' l-ajruport. Xi wħud

[16] jiġifieri kull uffiċjal pubbliku, persuna legali jew naturali, li joperaw jew jipproponu li joperaw ajrudrom wieħed jew aktar u li jieħdu r-responsabbilta` tas-sigurta` ta' l-operazzjonijiet ta' l-avjazzjoni fi u/jew viċinhom, inklużi li jimponu proċeduri u proċessi fuq kumpaniji oħra.

[17] Issir referenza b'mod partikolari għall-Artikolu 5.2b) tar-Regolament Bażiku eżistenti li jitlob lill-organizzazzjonijiet responsabbli għad-disinn u l-manifattura ta' partijiet mill-ajruplan biex juru l-kapaċitajiet u l-mezzi tagħhom biex iwettqu r-responsabbiltajiet assoċjati mal-privileġġi tagħhom, skond regoli u proċeduri proporzjonati mal-kumplessita` tal-ħidmiet rispettivi tagħhom.

issuġġerew ukoll li l-professjonijiet l-aktar kritiċi għas-sigurtà jiġu rregolati, bħall-persunal tas-salvataġġ u tat-tifi tan-nar. Jekk dan ikollu jseħħ, ir-regolament bażiku estiż għandu jispeċifika b'mod ċar liema persuni huma suġġetti għal dan ir-regolament, inklużi ċ-ċertifikazzjoni jew il-liċenzjar ta' l-individwi biex jaffermaw li dawn il-persuni jissodisfaw r-rekwiżiti minimi ta' saħħa fiżika u profiċjenza professjonali. Madankollu kummenti oħra kienu tal-fehma li reġim regolatorju bħal dan jista' jkun kumpless u sproporzjonat wisq, filwaqt li madankollu kkonfermaw li l-kompetenza professjonali tagħhom għandha tkun irregolata.

32. L-Aġenzija tikkonkludi li l-persunal involut fl-operazzjonijiet ta' l-ajrudromi għandu jkun suġġett għal rekwiżiti komuni ta' sigurtà u għalhekk imsemmija fir-Regolament Bażiku. Madankollu, il-konformità mar-rekwiżiti relatati mal-kompetenza professjonali u forsi wkoll is-saħħa fiżika, għandha tkun ir-responsabbiltà normali ta' l-organizzazzjonijiet li jimpjegah. Il-persunal affettwat huwa dak li l-attività tiegħu tista' taffettwa s-sigurtà ta' l-operazzjonijiet ta' l-ajru fi jew viċin l-ajrudromi, bħal, imma mhux illimitat għal, impjegati jew kuntratturi ta' operaturi ta' l-ajru, min jipprovdi servizzi ta' navigazzjoni ta' l-ajru u ta' *ground handling*, l-operatur innifsu ta' l-ajruport u organizzazzjonijiet oħra li l-attivitajiet jew prodotti tagħhom jistgħu jkollhom effett fuq is-sigurtà ta' l-ajruplani. B'mod partikolari dan għandu x'jaqsam ma' l-istaff awtorizzat b'aċċess bla skorta għall-*air side*, jew biex isuq vettura fuq iż-żona ta' moviment.

(v) Viċinanzi immedjati u l-użu ta' l-ajrudromi

33. Kif issuġġerit fil-NPA06/2006, il-maġġor parti tal-persuni interessati qiesu li xi elementi kritiċi meħtieġa biex inaqqsu l-perikli tas-sigurtà relatati ma' l-operazzjonijiet ta' l-ajru viċin l-ajrudromi, sempliċiment ma jistgħux jiġu mposti legalment fuq is-sid ta' l-ajruport jew l-operatur. Ir-raġuni għal dan hija li dawn il-perikli joriġinaw f'żoni barra l-perimetru ta' l-ajruport u ma jistgħux jiġu indirizzati direttament mis-sid ta' l-ajruport jew l-operatur. L-Aġenzija hija ta' l-opinjoni li r-Regolament Bażiku għandu joħloq obbligazzjonijiet fuq l-Istati Membri nnifishom biex jiżguraw li jittieħdu l-miżuri meħtieġa ħalli jipproteġu l-ajrudromi kontra attivitajiet jew żviluppi, li jistgħu jikkawżaw riskji mhux aċċettabbli lill-avjazzjoni fil-viċinanzi diretta tagħhom.

## b. L-għanijiet tas-sigurtà

(i) Rekwiżiti essenzjali – Anness ġdid

34. In-NPA 06/2006 staqsiet jekk il-persuni interessati qablux dwar l-istabbilment ta' ERs uniformi ta' livell għoli ġewwa l-Komunità sħiħa bħala l-aħjar mezz biex jistabbilixxu l-għanijiet tas-sigurtà għar-regolazzjoni ta' l-ajrudromi, aktar milli sempliċiment traspożizzjoni permezz ta' referenza għas-SARPs ta' l-ICAO applikabbli. It-tweġibiet għal din il-mistoqsija wrew li l-maġġor parti tal-persuni interessati jippreferu jistabbilixxu ERs ddedikati fil-livell tal-Komunità, bil-kundizzjoni li dawn jiżguraw il-konformità ma' l-obbligi ta' l-ICAO ta' l-Istati Membri, u li ma joħolqux obbligi addizzjonali mhux iġġustifikati. Mill-kummenti ħareġ ukoll li l-maġġoranza kkunsidrat b'mod wiesgħa, li l-kontenut u l-livell tad-dettal fl-abbozz propost ta' l-ERs, huwa sodisfaċenti.

35. Kif spjegat fil-memorandum spjegattiv mehmuż, dawn l-ERs ġew żviluppati minn perikli identifikati sabiex jipprovdu għal tnaqqis xieraq ta' kull riskju raġonevolment probabbli u speċifiku għall-operazzjonijiet ta' l-ajrudromi. Wara

dan saret verifika biex tikkonferma li dawn l-obbligi jippermettu lill-Istati Membri jikkonformaw ma' l-obbligi tagħhom ta' l-ICAO mingħajr restrizzjonijiet addizzjonali. Għalhekk l-Aġenzija hija ta' l-opinjoni li l-ERs ddedikati, mehmużin ma' din l-Opinjoni u li jirrappreżentaw l-għanijiet tas-sigurtà għar-regolazzjoni tas-sigurtà ta' l-ajrudromi, għandhom jiġu mposti bir-Regolament Bażiku 1592/2002 u jinhemżu miegħu.

(ii) Sistemi ta' Ġestjoni

36. Wieħed mill-punti prinċipali mqajjem fin-NPA kien il-konvenjenza li wieħed jitlob lill-operaturi kollha ta' l-ajrudromi jadottaw u jimplimentaw sistema formali sħiħa ta' ġestjoni tas-sigurtà (SMS). Ġew imqabbla t-tweġibiet minn persuni interessati. Kienu biss żewġ persuni interessati li nsistew li din is-SMS għandha tiġi mposta fuq l-operaturi kollha ta' l-ajrudromi. Ħafna nnutaw li organizzazzjonijiet żgħar bilkemm jistgħu jimplimentaw SMS ġenwina; li wieħed jimponi dan il-piż fuq l-operaturi ta' l-ajrudromi żgħar ikun ukoll ta' sproporzjon mar-riskji attwali relatati ma' l-operat tagħhom. Filwaqt li l-ICAO teżiġi sistema bħal din għall-ajrudromi kollha, wieħed għandu jżomm f'moħħu li l-Istandards ta' l-ICAO japplikaw biss għall-ajrudromi wżati għall-operazzjonijiet internazzjonali. Dan l-obbligu jista' joħloq diffikultajiet fil-kuntest tal-Komunità fejn l-ajrudromi miftuħa għall-użu pubbliku, huma b'definizzjoni miftuħa għat-traffiku ta' l-ajru ġewwa l-Komunità.

37. Konsegwentament l-Aġenzija tikkonkludi li huma l-ajrudromi kumplessi li għandhom ikollhom SMS; biex tiddefinixxi l-livell xieraq tal-kumplessità filwaqt li tkun konsistenti ma' l-ICAO, hija tissuġġerixxi li tali rekwiżit ikun japplika biss għall-ajrudromi li jservu servizzi ta' l-ajru bi skeda[18].

## ċ. Il-mezzi ta' implimentazzjoni

38. Ir-Regolament Bażiku għandu jispeċifika kif l-ERs għandhom ikunu implimentati. Jekk dan il-proċess huwa wisq kumpless jew tawwali, is-setgħat eżekuttivi jistgħu jingħataw lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, lill-Aġenzija jew lill-industrija biex jadottaw rispettivament regoli implimentattivi, miżuri implimentattivi nazzjonali, speċifikazzjonijiet għaċ-ċertifikazzjoni jew standards għall-industrija. Meta xieraq, il-korpi responsabbli li joħorġu ċ-ċertifikat jew ma' min għandha tintwera l- konformità, għandhom ikunu identifikati. Jistgħu jkunu l-Aġenzija nnifisha, awtoritajiet kompetenti oħra[19] jew korpi ta' valutazzjoni akkreditati kif suppost[20]. Fil-każ ta' l-aħħar il-kriterji għall-akkreditament għandhom ikunu speċifikati u l-awtoritajiet li jakkreditaw identifikati.

---

[18] **Servizzi ta' l-ajru bi skeda** tfisser serje ta' titjiriet li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin:
(a) Fuq kull titjira, is-sits u/jew il-kapaċita` li jiġu ttrasportati merkanzija u/jew posta jistgħu jinxtraw individwalment mill-pubbliku (kemm direttament mil-linja ta' l-ajru jew mill-aġenti awtorizzati tagħha);
(b) It-titjira hija operata sabiex isservi ta' traffiku bejn l-istess żewġ ajruporti jew aktar, kemm jekk:
- skond orarju ppubblikat; jew
- b'titjiriet tant regolari jew frekwenti li huma jikkostitwixxu serje sistematika li tingħaraf.

[19] "awtorita` kompetenti" tfisser jew l-Aġenzija jew waħda mill-awtoritajiet imsemmija nnominati jew stabbiliti mill-Istati Membri, li għandha s-setgħa li toħroġ ċertifikati u li teżerċita s-superviżjoni tas-sigurta` kemm fuq l-ajrudromi, prodotti, tagħmir, sistemi, partijiet jew strumenti, organizzazzjonijiet jew nies, kif ukoll fuq perikli li joriġinaw mill-viċinanzi immedjati ta' l-ajrudromi. Kull awtorita` kompetenti għandha tkun indipendenti mill-operazzjonijiet u l-ġestjoni ta' l-ajrudromi.

[20] "korp ta' valutazzjoni" tfisser korp akkreditat li jista' jivvaluta l-konformita` ta' persuni legali jew naturali mar-regoli stabbiliti, biex jiżgura l-konformita` mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti f'dan ir-Regolament u biex joħroġ iċ-ċertifikat relatat.

39. Hemm firxa ta' possibbiltajiet biex l-għanijiet tas-sigurtà jiġu implimentati. L-għażla hija deċiżjoni politika, li tiddependi mis-sensittività tal-pubbliku, dwar it-tradizzjonijiet u l-kultura fis-settur. Din l-għażla għandha tqis ukoll il-livell ta' uniformità li qed jitfittex għal ċertu attività, bl-uniformità x'aktarx tintlaħaq aħjar permezz ta' regoli implimentattivi komuni adottati mill-Kummissjoni. L-għażla għandha tqis ukoll mhux biss li l-uniformità tfisser il-protezzjoni ugwali taċ-ċittadini u l-ħolqien tat-trattament ugwali għas-suq intern, imma wkoll fil-perspettiva ta' l-armonizzazzjoni ta' l-interoperabbiltà ġewwa l-qafas internazzjonali. L-aħħar imma mhux lanqas, din l-għażla għandha ssir skond il-prinċipji ta' governanza tajba[21] sabiex jintużaw l-aħjar riżorsi disponibili, u biex jiġi żviluppat aktar is-sens ta' responsabbiltà u kultura ġusta fir-regolazzjoni tas-Sigurtà fl-Avjazzjoni ċivili.

<u>(i) Regoli implimentattivi</u>

40. In-NPA 06/2006 assumiet li probabbli kien hemm il-bżonn li jinħarġu regoli implimentattivi biex jispeċifikaw aktar kif l-ERs għandhom jiġu applikati ta' lanqas fir-rigward ta' ajrudromi "kbar". Madankollu hija staqsiet jekk dan għandux ikun ukoll il-każ għal ajrudromi "żgħar". F'dan il-kuntest hija staqsiet ukoll dwar x'għandha tkun id-definizzjoni ta' ajruport "żgħir". It-tweġibiet għal din il-mistoqsija juru kif il-maġġoranza tal-persuni interessati jikkunsidraw li regoli implimentattivi ddettaljati għandhom jiġu żviluppati fil-każijiet kollha, irrispettivament mid-daqs u l-kumplessità ta' l-operazzjonijiet fl-ajruport. Madankollu huma jenfassizaw li dawn ir-regoli għandhom ikunu proporzjonati mal-kumplessità u t-tip ta' l-operazzjonijiet.

41. Minbarra dan, numru ta' persuni interessati jibżgħu li l-istatus legali tar-regoli implimentattivi u ż-żmien li jinħtieġ biex dawn jinbidlu, jista' jagħmel il-qafas regolatorju riġidu wisq biex isegwi l-evoluzzjoni ta' l-*istate of the art*. Huma jikkunsidraw ukoll li bl-inklużjoni tal-parti l-kbira tad-dettalji tekniċi kollha, jekk mhux kollha, fir-regoli implimentattivi, titneħħa l-flessibbiltà li tinħtieġ biex jiġu akkomodati ajrudromi differenti, meta kull wieħed minnhom huwa differenti mill-ieħor. L-Aġenzija taqbel ma' dan. Dan ir-riskju jista' jitnaqqas billi jiddaħħlu, kull fejn possibbli, dispożizzjonijiet tekniċi jew proċeduri għall-valutazzjoni tal-konformità, fuq il-livell ta' l-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni[22] sabiex jirrispondu għat-tħassib t'hawn fuq. Il-konformità ma' dan il-materjal tipprovdi preżunzjoni ta' konformità imma ma tkunx l-unika mezz ta' konformità. L-awtoritajiet u l-persuni interessati jistgħu japplikaw mezzi oħra bil-kundizzjoni li huma jiżguraw livell ekwivalenti ta' konformità. Għalhekk għandu jinftiehem li r-regoli implimentattivi li għandhom jiġu żviluppati, jispeċifikaw prinċipalment il-proċessi li għandhom jiġu segwiti mill-persuni interessati u l-awtoritajiet kompetenti, u b'mod partikolari l-kriterji tal-flessibbiltà u l-proċeduri għall-aċċettazzjoni ta' mezzi ta' konformità alternattivi.

42. Il-persuni interessati enfassizzaw li xi aspetti tas-sigurtà ta' l-ajrudromi ġew indirizzati diġà b'leġiżlazzjoni oħra. Dan huwa l-każ, per eżempju, fis-sistemi tar-radju għat-tluq, il-wasla u l-inżul ta' l-ajruplani, li jistgħu ikunu koperti diġà mir-

---

[21] KUMM (2001) 428 finali tal-25.07.2001 – "Governanza Ewropea – *White paper*" (*Ġurnal Uffiċjali 287, 12/10/2001 P. 0001 – 0029).*

[22] Ir-Regolament Bażiku jeħtieġ lill-Aġenzija biex tiżviluppa Speċifikazzjonijiet għaċ-Ċertifikazzjoni, inkużi kodiċijiet dwar l-ajrunavigabilità u mezzi aċċettabbli ta' konformita`, bħala mezzi li għandhom jintużaw fil-proċess taċ-ċertifikazzjoni. Dan il-materjal ma jorbotx imma jirrifletti l-*istate of the art* u l-aħjar prattiċi li r-regolaturi u l-persuni rregolati għandhom interess li jużaw biex jikkonformaw ma' l-obbligi legali.

regoli tas-"Ajru Uniku Ewropew". Madankollu s-sigurtà u l-operat ta' dawn is-sistemi ma jiddependux biss fuq id-disinn/produzzjoni tagħhom, imma wkoll fuq l-implimentazzjoni/integrazzjoni tagħhom fuq il-post. Għalhekk jinħtieġ li jiġi żgurat li dan l-aspett tat-tagħmir ta' l-ajrudromi jkun irregolat ukoll filwaqt li tiġi żgurata s-sinerġija ta' "Ajru Uniku" biex jiġu evitati s-soppravvent jew id-duplikazzjoni tar-rekwiżiti u l-proċessi ta' ċertifikazzjoni.

43. Għalhekk l-Aġenzija hija ta' l-opinjoni li l-leġiżlatur għandu jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta, skond il-proċeduri speċifikati diġà fir-Regolament Bażiku, ir-regoli meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' l-ERs applikabbli għas-sigurtà u l-interoperabbiltà ta' l-ajrudromi. Kif issemma aktar kmieni, dawn ir-regoli għandhom ikunu proporzjonati mal-kumplessità ta' l-ajrudromi, filwaqt li jqisu l-volum u n-natura ta' l-attività tagħhom.

(ii) Ċertifikazzjoni ta' l-ajrudromi[23]

44. In-NPA 06/2006 assumiet li kien hemm il-bżonn li ta' lanqas jiġu ċċertifikati ajrudromi "kbar" billi dan jinħtieġ diġà mill-ICAO[24]. L-ebda wieħed mir-rispondenti għan-NPA ma oppona dan. Imma l-imsemmija NPA staqsiet ukoll jekk dan għandux ikun il-każ għall-ajrudromi "żgħar" miftuħa għall-użu pubbliku, f'konformità mal-prattika rakkomandata ta' l-ICAO[25], filwaqt li jintqies li jistgħu jeżistu għażliet oħra, fil-perspettiva tal-possibbiltà ta' "*self-management*". It-tweġibiet jindikaw li l-persuni interessati ma jappoġġjawx dawk l-għażliet u jippreferu li l-ajrudromi kollha jkunu ċċertifikati. Madankollu, madwar nofshom irrakkomandaw proċessi ssimplifikati għall-ajrudromi l-anqas kumplessi. Il-kunsens dwar il-bżonn li jiġi mpost proċess ta' ċertifikazzjoni għall-ajrudromi kollha fl-iskop tar-Regolament Bażiku huwa, diġà rifless bl-implimentazzjoni wiesgħa, fuq il-livell ta' l-Istati Membri, ta' l-istandards u r-rakkomandazzjonijiet ta' l-ICAO dwar il-kwistjoni[26]. L-Aġenzija hija għalhekk ta' l-opinjoni li kull ajruport miftuħ għall-użu pubbliku u li jinsab fi Stat Membru għandu jkun suġġett għal ċertifikazzjoni. Din iċ-ċertifikazzjoni għandha timmira biex tivverifika l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali u tkopri kemm id-disinn u l-operazzjonijiet, b'hekk tiżgura s-sigurtà tad-disinn ta' l-ajruport u li l-operatur ikun wera l-kapaċitajiet u l-mezzi tiegħu biex iwettaq ir-responsabbiltajiet tiegħu.

45. Għalkemm tradizzjonalment l-ajrudromi kienu meqjusa bħala entità waħda, f'ħafna każijiet persuni legali differenti jaġixxu bħala s-sid u l-operatur bi rwoli u responsabbiltajiet differenti ħafna. Is-soltu, huwa s-sid li jkun responsabbli għall-infrastruttura u d-disinn ta' l-ajruport, filwaqt li l-operatur huwa prinċipalment responsabbli għall-operat b'sigurtà tiegħu. Ma jkunx ġust li wieħed joħloq obbligi fuq wieħed minnhom imma li jkunu jistgħu jiġu sodisfatti biss mill-ieħor. Barra

[23] F'dan il-kuntest, u kif ġie speċifikat diġa` fir-Regolament Bażiku, "ċertifikazzjoni" tfisser kull forma ta' rikonoxximent li ajrudrom, prodott, tagħmir, sistema, parti jew strument, organizzazzjoni jew persuna jikkonformaw ma' l-obbligi applikabbli inklużi d-dispożizzjonijiet tar-Regolament Bażiku u r-regoli implimentattivi tiegħu, kif ukoll il-ħruġ taċ-ċertifikat relevanti li jafferma dik il-konformita`.

[24] Il-paragrafu 1.4.1 ta' l-Anness 14 ta' l-ICAO jistabbilixxi li, mis-27 ta' Novembru 2003, l-Istati għandhom jiċċertifikaw dawk l-ajruporti wżati għal operazzjonijiet ta' l-ajru internazzjonali, permezz ta' qafas regolatorju adattat. Dan ta' l-aħħar għandu jinkludi kriterji għall-imsemmija ċertifikazzjoni.

[25] Il-paragrafu 1.4.2, jirrikkmanda li l-Istati għandhom jiċċertifikaw l-ajrudromi kollha miftuħa għall-użu pubbliku.

[26] Stħarriġ imwettaq permezz tal-Grupp tar-Regolaturi tas-Sigurta` ta' l-Ajrudromi (GASR) fl-2006, ikkonferma li ġewwa s-17-il Stat Membru ta' l-UE, kien hemm aktar minn 700 ajrudrom iċċertifikat jew kien wasal biex jiġi ċċerifikat, inklużi egħlieqi wżati biss għal operazzjonijiet mhux kummerċjali skond ir-Regoli Viżwali tat-Titjira (VFR). Aktar informazzjoni dwar l-ajrudromi affettwati bl-Opinjoni preżenti qed tiġi ppreżentata fil-Valutazzjoni ta' l-Impatt Regolatorju (RIA) assoċjat.

minn dan, it-tendenza dejjem tikber lejn mudelli finanzjarji ġodda biex jinbnew jew jiġu estiżi ajrudromi biex jirrispondu aħjar għad-domanda li qed tikber fil-kapaċità, m'għandhiex tiġi mfixkla bil-mod kif is-sigurtà hija rregolata. Barra minn dan, ir-regolazzjoni tas-sigurtà m'għandhiex tfixkel l-iffunzjonar proprju tas-suq intern. Għalhekk l-Aġenzija tikkunsidra li jinħtieġ li wieħed jiddistingwixxi l-proċess ta' ċertifikazzjoni għad-disinn ta' l-ajruport mill-proċess ta' ċertifikazzjoni ta' l-entità li toperah. Allura għandhom jinħarġu żewġ ċertifikati separati: wieħed li jirrifletti l-konformità ma' Sezzjoni A ta' l-ERs u l-ieħor indirizzat lill-operatur li jirrifletti sezzjoni B. Fil-każ li s-sid u l-operatur ikunu l-istess persuna legali, l-Istati Membri jistgħu jkunu ntitolati, fuq it-talba ta' dik il-persuna, igħaqqdu ż-żewġ ċertifikati f'wieħed.

46. Fir-rigward ta' l-entitajiet li jimmaniġġjaw aktar minn ajruport wieħed, it-tweġibiet għan-NPA juru li hemm maġġoranza, li tkopri maġġoranza ta' awtoritajiet u operaturi żgħar, li hija favur li jkun hemm ċertifikat għall-operaturi individwali għal kull ajruport operat. L-awtoritajiet ta', u l-persuni interessati li jinsabu fi, Stati fejn kumpaniji maġġuri joperaw aktar minn ajruport wieħed, huma favur li jkun hemm ċertifikat wieħed għall-operatur biex dan jopera diversi ajrudromi. Il-RIA mehmuża turi li filwaqt li m'hemm l-ebda raġunijiet ta' sigurtà biex timponi għażla waħda jew oħra, hemm benefiċċji ekonomiċi ċari bit-tieni waħda. F'dan il-kuntest jista' jkun utli li wieħed ifakkar li din l-għażla hija dik diġà segwita fis-setturi l-oħra kollha li huma suġġetti għar-Regolament Bażiku, billi organizzazzjoni tista' topera diversi ajruplani, ħwienet ta' manutenzjoni, siti ta' manifattura, etċ, b'ċertifikat wieħed ta' approvazzjoni. Għalhekk l-Aġenzija hija ta' l-opinjoni li l-operaturi ta' l-ajrudromi li jimmaniġġjaw aktar minn ajruport wieħed u li stabbilixxew funzjoni ċentrali ta' sigurtà u mmaniġġjar ta' kwalita, għandhom jitħallew japplikaw, fl-Istat fejn huma għandhom il-post prinċipali tan-negozju tagħhom, għal ċertifikat wieħed għall-operatur, jekk huma jkunu jixtiequ hekk. Li wieħed iħalli l-għażla f'idejn l-operaturi nnifishom kienet ukoll msaħħa b'xi reazzjonijiet għad-CRD, billi ġie osservat li l-kunċett jista' jkun adattat għall-istrutturi aktar ċentralizzati li japplikaw f'diversi Stati Membri.

<u>(iii) Ċertifikazzjoni tat-tagħmir ta' l-ajrudrom</u>

47. Kif spjegat fil-paragrafu 27, l-Aġenzija tikkunsidra li jinħtieġ li t-tagħmir ta' l-ajruport li jikkontribwixxi għall-operat b'sigurtà ta' l-ajruplan, ikun suġġett għal obbligi xierqa kif iddettaljati fir-regoli implimentattivi. Filwaqt, kif imsemmi fil-paragrafu 30, li l-verifika tal-konformità hija ġeneralment ir-responsabbiltà tas-sid jew l-operatur ta' l-ajruport, jiddependi mit-tip tat-tagħmir, jista' jkun aktar adattat li wieħed jiċċertifika direttament it-tagħmir kritiku tas-sigurtà li fuqu s-sid jew l-operatur ma jkollu l-ebda kompetenza. L-Aġenzija hija għalhekk ta' l-opinjoni li t-tagħmir kritiku tas-sigurtà għandu jkun suġġett għal proċess ta' ċertifikazzjoni ddedikat u jinħariġlu ċertifikat, kif speċifikat fir-regoli implimentattivi wara li ssir valutazzjoni xierqa tal-benefiċċju jekk isir dan.

48. Fir-rigward tal-ħruġ taċ-ċertifikat, għandu jiġi segwit metodu simili għal dak imsejjaħ "Metodu Ġdid"[27]. Dan ifisser li wieħed iħalli ħafna mir-responsabbiltà dwar il-valutazzjoni tal-konformità f'idejn l-organizzazzjoni li tiddisinja u li

[27] Xi 25 Direttiva adottati mill-1987 skond il-"metodu ġdid" li jirriżulta mir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-07 ta' Mejju 1985 dwar il-metodu l-ġdid għall-armonizzazzjoni teknika u standards, ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar metodu globali għaċ-ċertifikazzjoni u l-ittestjar, li jsemmi l-prinċipji gwida dwar il-valutazzjoni tal-konformita`, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/465/KE li tistabbilixxi proċeduri ddettaljati għall-valutazzjoni tal-konformita`.

timmanifattura t-tagħmir. Billi dan huwa wkoll il-metodu wżat fis-"Ajru Uniku Ewropew" din id-delegazzjoni ta' responsabbiltà lill-industrija tiffaċilita s-sinerġija meta regoli implimentattivi jiġu żviluppati. Għaldaqstant l-industrija tal-manifattura toħroġ stqarrijiet dwar il-konformità.

49. Kif spjegat fil-paragrafu 30, l-Aġenzija temmen ukoll li prodotti manifatturati fi kwantità kbira għandhom ikunu suġġetti għal sistema ta' ċertifikazzjoni simili għas-sistema ETSO applikata għal xi partijiet u strumenti ajrunawtiċi. Din tiffaċilita l-istandardizzazzjoni ta' prodotti u tgħin biex jitnaqqsu l-ispejjeż kif diversi persuni interessati ssuġġerew. Wieħed jiddeċiedi dwar għażla bħal din każ b'każ, wara stima xierqa ta' l-impatt regolatorju meta jiġu żviluppati r-regoli implimentattivi relatati. Dan jirrikjedi wkoll li l-organizzazzjonijiet li jiddisinjaw u jimmanifatturaw it-tagħmir affettwat juru l-kapaċitajiet u l-mezzi tagħhom biex iwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom. Għalhekk l-Aġenzija hija ta' l-opinjoni li l-organizzazzjonijiet tad-disinn u tal-produzzjoni ta' tagħmir speċifiku ta' l-ajrudromi, għandhom ikunu suġġetti għal regoli speċifiċi u proċessi ta' approvazzjoni meta dan ikun speċifikat fir-regoli implimentattivi, wara li tkun saret stima xierqa tal-benefiċċju jekk isir dan.

50. Fil-każijiet kollha jitfakkar li, konsistenti ma' dak li ntqal fil-paragrafu 42, il-verifika ta' l-installazzjoni u l-iffunzjonar proprju tat-tagħmir ta' ajruport fuq il-post huma parti mill-proċess taċ-ċertifikazzjoni ta' ajruport. Barra minn dan, l-operat u l-manutenzjoni tat-tagħmir imsemmi jitwettqu taħt ir-responsabbiltà ta' l-operatur ta' l-ajruport u għalhekk ikunu koperti biċ-ċertifikazzjoni u s-superviżjoni ta' l-operatur.

(iv) Verifika tal-kwalifiki tal-persunal u s-saħħa fiżika

51. Kif intqal fil-paragrafi 31 u 32, l-Aġenzija tikkunsidra li jinħtieġ, li l-persunal li l-attività tiegħu tista' taffettwa s-sigurtà ta' l-operazzjonijiet ta' l-ajruport, ikun suġġett għal obbligi xierqa fir-rigward tal-kwalifiki kontinwi tiegħu u eventwalment s-saħħa fiżika. Hija tal-fehma wkoll li l-konformità f'dan il-qasam ġeneralment għandha tkun ir-responsabbiltà ta' min iħaddem.

52. Matul il-konsultazzjoni, madankollu xi kummenti ssuġġerew li l-persunal inkarigat mit-tifi tan-nar u s-salvataġġ jiġi rregolat separatament mill-operatur ta' l-ajruport, u għalhekk jiġi stabbilit proċess ta' ċertifikazzjoni ddedikat; xi persuni oħra oġġezzjonaw bil-qawwi. Oħrajn semmew il-bżonn ta' skema ta' kompetenza xierqa għal dan l-istaff, imma ħasbu li din għandha tiġi stabbilita fuq livell nazzjonali. F'dan il-kuntest, l-Aġenzija tikkonkludi li m'hemm l-ebda raġuni biex il-persunal tas-RFFS jiġi ttrattat b'mod differenti minn kategoriji oħra ta' l-istaff involut fil-ħidmiet sensittivi tas-sigurtà fil-perimetru ta' l-ajruport. Il-verifika tal-kwalifiki professjonali u s-saħħa fiżika ta' dan il-persunal, ibbażata skond ir-regoli komuni applikabbli, għandha tagħmel parti mill-obbligi ta' l-operatur ta' l-ajruport u għandha tikkostitwixxi waħda mill-kundizzjonijiet biex wieħed jakkwista ċertifikat.

(v) Korpi ta' valutazzjoni

53. In-NPA 06/2006 staqsiet jekk il-korpi ta' valutazzjoni, minflok l-awtoritajiet kompetenti nnominati mill-Gvernijiet Nazzjonali, għandhomx ikunu akkreditati biex jivvalutaw il-konformità mar-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni, *"fir-rigward tad-disinn ta' l-ajrudromi l-anqas kumplessi u għall-operaturi tagħhom biss"*. Maġġoranza sinifikanti ta' persuni interessati rawha li hija fattibbli li dawn il-korpi jitħallew, minbarra l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, jivvalutaw il-

konformità mar-rekwiżiti u joħorġu ċertifikati, bil-kundizzjoni li dan iwassal għal sistema bl-istess livell ta' sigurtà imma aktar effiċjenti. Ħafna speċifikaw li jekk din is-sistema kellha tiġi segwita, l-organizzazzjonijiet li jivverifikaw il-konformità għandhom ikunu suġġetti għal akkreditar xieraq biex jiġi vverifikat li dawn qed jaġixxu b'mod trasparenti w indipendenti, u li huma stess jimplimentaw sistema tajba ta' mmaniġġjar.

54. L-Aġenzija qiset dawn il-veduti u għalhekk hija ta' l-opinjoni li korpi ta' valutazzjoni akkreditati kif suppost għandhom ikunu ntitolati jirregolaw u jiċċertifikaw l-ajrudromi, inklużi l-operaturi tagħhom, li ma jservux servizzi ta' l-ajru bi skeda. Barra minn dan, l-operatur jew id-disinjatur ta' l-ajruport għandu jkollu l-għażla li jibgħat l-applikazzjoni tiegħu lill-awtorità kompetenti ta' xi Stat Membru jew lil xi korp ta' valutazzjoni bħal dawn imsemmija. Biex jevitaw xi kunflitt ta' interess potenzjali, dawn il-korpi għandhom ikunu akkreditati mill-Aġenzija nnifisha.

<u>(vi) Awtoritajiet kompetenti</u>

55. Naturalment, minbarra l-punti t'hawn fuq, l-estensjoni tal-kompetenza tal-Komunità għall-ajrudromi jista' ma jkollha l-ebda effett ieħor fuq ir-rwoli ta' l-Istati Membri u ta' l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Il-forma istituzzjonali ta' l-Istat (e.ż. il-Federazzjoni), l-estensjoni tat-territorju, in-numru ta' ajrudromi u r-raġunijiet ta' viċinanza, jistgħu jissuġġerixxu li l-awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni u s-superviżjoni jkunu stabbiliti fuq livell reġjonali (e.ż. kif inhu llum fis-16-il Stat tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja) aktar milli fuq dak nazzjonali. L-Istati jistgħu jiddelegaw ukoll is-superviżjoni lill-awtorità kompetenti ta' xi pajjiż fil-qrib, jew jaqsmu ma' xulxin ir-riżorsi u joħolqu awtorità regolatorja reġjonali. Din l-għażla hija għal kollox f'idejn l-Istati Membri, li huma ħielsa biex jorganizzaw is-sistema eżekuttiva tagħhom bil-mod li jidhrilhom huma kif fil-fatt jagħmlu diġà fil-preżent.

56. Għalhekk, l-Aġenzija ma tagħmel l-ebda proposta li għandha mnejn timponi struttura għall-Istati Membri fir-rigward tas-superviżjoni tas-sistema tagħhom. L-istruttura amministrattiva ta' l-Istati Membri tibqa' ir-responsabbiltà tagħhom biss. Madankollu, din l-istruttura għandha tissodisfa żewġ għanijiet prinċipali. L-ewwel, din għandha tippermetti superviżjoni effiċjenti biex tiżgura l-implimentazzjoni xierqa ta' regolamenti mid-diversi persuni rregolati. It-tieni, bħal fis-"Ajru Uniku Ewropew"[28], l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu indipendenti minn disinjaturi u operaturi ta' ajrudromi, u jeżerċitaw is-setgħat tagħhom b'mod imparzjali u trasparenti.

57. Bħala konsegwenza, bl-unika eċċezzjoni fil-paragrafu (v) hawn fuq, il-kompiti kollha taċ-ċertifikazzjoni u s-superviżjoni għandhom jitwettqu minn awtoritajiet kompetenti nnominati mill-Istati Membri. L-applikanti se jikkomunikaw ma' l-awtorità kompetenti maħtura mill-Istati Membri fejn ikun jinsab l-ajruport jew li fih/fihom l-operatur ikollu l-post prinċipali tan-negozju tiegħu. F'dan il-kuntest għandu jitfakkar li r-Regolament Bażiku jeżiġi biex l-Aġenzija tirregola l-mod li bih l-awtoritajiet kompetenti jissodisfaw l-obbligi tagħhom; dan isir permezz ta' spezzjonijiet sistematiċi u regolari ta' standardizzazzjoni.

## d. Konsistenza mad-Direttiva dwar il-*Ground Handling*

[28] L-Artikolu 4.2 tar-Regolament (KE) 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-10 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi l-qafas għall-ħolqien ta' Ajru Uniku Ewropew (*ĠU L 96 tal-31 ta' Marzu 2004, paġni 1-9*).

58. Xi wħud mis-suġġetti ppreżentati f'din l-Opinjoni u xi rekwiżiti essenzjali, jimplikaw koordinazzjoni stretta bejn l-operaturi ta' l-ajrudromi u l-*ground handlers*. Ir-Regolament Bażiku estiż jimponi obbligi fuq dawn ta' l-aħħar kif spjegat fil-paragrafu 29. Billi l-*ground handling* huwa diġà rregolat, prinċipalment minħabba l-aspetti ekonomiċi u kummerċjali tiegħu, b'direttiva speċifika [29] adottata fl-1996, għandha tingħata attenzjoni biex wieħed jevita s-soppravvent u l-possibbiltà ta' obbligi li jkunu f'kunflitt ma' xulxin. Għalhekk l-Aġenzija tissuġġerixxi li d-Direttiva msemmija tiġi emendata sabiex tallinja d-dispożizzjonijiet tagħha mad-dispożizzjonijiet tas-sigurtà proposti f'din l-Opinjoni, filwaqt li tiddefinixxi b'mod ċar ir-responsabbiltajiet rispettivi ta' l-operaturi ta' l-ajrudport u l-*ground handlers* fir-rigward tas-sigurtà.

## IV. Sussidjarjetà

59. Ir-Regolament Bażiku adottat fl-2002 ittrasferixxa l-kompetenzi mill-Istati Membri għall-Komunità fil-qasam ta' l-ajrunavigabilità u ċ-ċertifikazzjoni ambjentali, bil-għan prinċipali li jinżamm livell għoli w uniformi ta' sigurtà fl-avjazzjoni ċivili. Fl-ewwel estensjoni tiegħu għall-operazzjonijiet ta' l-ajru, il-liċenzjar ta' l-ekwipaġġ tat-titjira u s-sigurtà ta' l-ajruplani ta' pajjiżi terzi, diġà rċevew l-appoġġ tal-Parlament Ewropew (l-ewwel qari; Marzu 2007) u l-ftehim politiku tal-Kunsill (Ġunju 2007). Il-leġiżlatur antiċipa wkoll l-estensjoni progressiva għall-oqsma l-oħra kollha relatati mar-regolazzjoni tas-Sigurtà fl-Avjazzjoni ċivili, sabiex jiġi stabbilit il-metodu tas-sistema totali li huwa l-uniku mezz biex jiġi evitat il-vojt fis-sigurtà u rekwiżiti inkonsistenti u li jkunu potenzjalment f'kunflitt ma' xulxin.

60. L-idea li livell għoli w uniformi ta' sigurtà jista' jintlaħaq biss permezz ta' azzjoni komuni fil-livell tal-Komunità mhijiex ġdida. Għal dan il-għan kien hemm kunsens ġenerali fl-Ewropa, u l-Istati Ewropej bdew żmien ilu jaħdmu konġuntament fi ħdan l-JAA u/jew l-EUROCONTROL, bil-għan li joħolqu regoli komuni fil-qasam tas-Sigurtà fl-Avjazzjoni ċivili. Fid-dominju ta' l-ajrudromi, fl-1996 ħames Stati taw bidu wkoll għall-Grupp tar-Regolaturi tas-Sigurtà ta' l-Ajrudromi (GASR). Minn dak iż-żmien, is-sħubija tal-GASR żdiedet għal 28 awtorità nazzjonali ta' l-avjazzjoni, 22 minnhom minn Stati Membri ta' l-UE. Fost is-sitt membri l-oħra tal-GASR, wieħed seta' jinnota l-preżenza ta' l-Iżlanda, in-Norveġja u l-Iżvizzera, li huma wkoll parti mis-sistema ta' l-EASA.

61. Din iż-żieda stabbli fin-numru tal-membri ta' l-imsemmi GASR, ibbażata fuq deċiżjonijiet volontarji minn kull Stat individwali, tikkonferma li, anke fid-dominju ta' l-ajrudromi, jinħass sew il-bżonn ta' regoli komuni implimentati b'mod uniformi fuq livell kontinentali. Madankollu, kif ġie ikkonfermat diġà meta twaqqfet is-sistema ta' l-EASA, l-ebda metodu intergovernamentali volontarju bħal dan ma jista' jilħaq din l-uniformità maħsuba. Għalhekk it-tweġibiet għan-NPA 06/2006 urew li l-maġġoranza kbira tal-persuni interessati, filwaqt li enfassizaw li ċ-ċertifikazzjoni u s-superviżjoni għandhom jibqgħu prinċipalment ħidmiet imwettqa mill-awtoritajiet kompetenti għal raġunijiet ta' tqarrib, kienu konvinti wkoll dwar il-benefiċċji ta' azzjoni ċċentralizzata, b'regoli komuni li

[29] Id-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE tal-15 t'Ottubru 1996 dwar l-aċċess għas-suq tal-*ground handling* fl-ajruporti tal-Komunita` (*Ġurnal uffiċjali L 272 , 25/10/1996 Pġ. 0036 – 0045*).

jidħlu fis-seħħ fl-istess data, taħt is-superviżjoni ta' korp indipendenti ċċentralizzat.

62. Konsegwentament, huwa ċar li l-għanijiet ta' l-azzjoni proposta, jiġifieri t-twaqqif u l-applikazzjoni uniformi ta' regoli komuni għar-regolazzjoni tas-sigurtà u l-interoperabbiltà ta' l-ajrudromi, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, u għalhekk jistgħu jintlaħqu biss mill-Komunità. B'mod partikolari, kif ikkwantifikat fil-RIA mehmuża, traspożizzjoni waħda tad-dispożizzjonijiet ta' l-ICAO għas-EU 27 + 4 kollha hija proċess aktar effiċjenti milli l-azzjoni separata ta' kull wieħed minnhom.

63. Barra minn dan, il-proċess li jnaqqas ir-riskju segwit fl-iżviluppar ta' l-ERs jiżgura li l-azzjoni komuni hija proporzjonata ma' l-għanijiet tas-sigurtà u ma testendix lil hinn minn dak li huwa strettament meħtieġ biex jintlaħqu dawn l-għanijiet. Barra minn dan, il-livell għoli ta' dawn l-ERs u l-possibbiltà li jintużaw CSs li ma jorbtux legalment, biex tiġi vverifikata l-konformità, se jippermetti sabiex jiġu akkomodati l-partikolaritajiet lokali li la jaffettwaw il-benefiċċji mistennija u lanqas il-livell tas- sigurtà. Is-sistema ta' l-EASA, bil-possibbiltà tagħha biex tħallat flimkien liġi "*hard*" u "*soft*" tipprovdi tabilħaqq tweġiba tajba għall-bżonnijiet tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità fid-dominju ta' l-ajrudromi. Naturalment għandha tingħata attenzjoni biex dawn il-prinċipji jiġu rrispettati wkoll meta jiġu żviluppati r-regoli implimentattivi relatati.

64. B'konklużjoni, jitqies li l-proposta preżenti hija skond il-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità kif stabbiliti fl-Artikolu 5 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

## V. Valutazzjoni ta' l-impatt regolatorju

65. Il-valutazzjoni ta' l-impatt tal-miżuri ssuġġeriti f'din l-opinjoni saret bil-għan li jiġi evitat id-duplikazzjoni tax-xogħol ma' dak tal-Kummissjoni, li hija wkoll obbligata tipproduċi l-valutazzjoni tagħha ta' l-impatt. Il-RIA mehmuża turi li l-miżuri kollha proposti jipprovdu għall-aħjar soluzzjoni possibbli meta jkunu possibbli diversi għażliet alternattivi, filwaqt li wieħed iqis l-impatti possibbli tagħhom tas-sigurtà, dawk ekonomiċi u soċjali, kif ukoll il-kumpatibbiltà tagħhom ma' leġiżlazzjoni internazzjonali u leġiżlazzjoni oħra dwar l-avjazzjoni.

66. Għalhekk l-Aġenzija tikkunsidra li l-estensjoni ta' l-iskop tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002 dwar is-sigurtà u l-interoperabbiltà ta' l-ajrudromi abbażi ta' din l-opinjoni se jkollha impatt globalment pożittiv fuq l-operaturi u ċ-ċittadini fil-Komunità.

## VI. Konklużjoni

67. Fil-qosor l-Aġenzija hija ta' l-opinjoni li l-kompetenza tal-Komunità għandha tkun stabbilita biex tirregola s-sigurtà u l-interoperabbiltà ta' l-ajrudromi. Għalhekk:

- L-ajrudromi kollha miftuħa għall-pubbliku għandhom ikunu suġġetti għal-leġiżlazzjoni tal-Komunità;

- Rekwiżiti essenzjali komuni ddedikati (ERs) li jkopru l-karatteristiċi fiżiċi, l-infrastruttura, it-tagħmir ta' l-ajruport, l-operazzjonijiet, l-ġestjoni u t-tnaqqis tar-riskji li joriġinaw fil-viċinanzi immedjati ta' l-ajrudromi, għandhom ikunu introdotti bħala Anness addizzjonali mar-Regolament Bażiku;
- Is-sidien ta' l-ajrudromi, l-operaturi ta' l-ajrudromi, l-organizzazzjonijiet jew il-persunal li jipprovdi servizzi jew tagħmir, li jista' jaffettwa s-sigurtà ta' l-operazzjonijiet ta' l-ajruport, għandhom ikunu responsabbli għall-implimentazzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti essenzjali taħt il-kuntroll u s-superviżjoni ta' l-Istati Membri;
- It-tfassil tar-regoli, l-analiżi tas-sigurtà u l-ispezzjonijiet ta' standardizzazzjoni għandhom ikunu l-kompiti ta' l-Aġenzija;
- L-operaturi ta' l-ajrudromi li jservu servizzi ta' l-ajru bi skeda għandhom jadottaw u jimplimentaw sistema sħiħa ta' mmaniġġjar tas-sigurtà;
- Għandhom jingħataw poteri lill-Kummissjoni biex tadotta regoli implimentattivi li jiddefinixxu l-obbligi ddettaljati li magħhom l-organizzazzjonijiet u l-persuni hawn fuq imsemmija għandhom jikkonformaw, kif ukoll il-proċessi ta' ċertifikazzjoni applikabbli;
- Dawn ir-regoli implimentattivi għandhom ikunu proporzjonati mal-livell tal-kumplessità ta' l-ajrupiort, filwaqt li jqisu n-natura u l-volum ta' l-attività tiegħu;
- Għandhom jingħataw poteri lill-Aġenzija biex tadotta speċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni biex jintużaw fil-proċess ta' ċertifikazzjoni, li jkunu jipprovdu għall-flessibbiltà fl-implimentazzjoni ta' l-ERs filwaqt li jikkontribwixxu għal livell uniformi ta' sigurtà;
- Id-disinn u l-operazzjonijiet ta' l-ajruport għandhom ikunu ċċertifikati separatament, imma jista' jinħareġ ċertifikat wieħed meta s-sid ta' l-ajruport u l-operatur huma l-istess persuna;
- L-operaturi ta' aktar minn ajruport wieħed, wara li jkunu stabbilixxew funzjonijiet ċentrali adattati, jistgħu jitolbu ċertifikat wieħed li jkopri l-operazzjonijiet u l-ġestjoni fl-ajrudromi kollha taħt ir-responsabbiltà tagħhom;
- Iċ-ċertifikazzjoni u s-superviżjoni ta' l-ajrudromi li ma jservux servizzi ta' l-ajru bi skeda jistgħu, fuq it-talba tas-sidien jew l-operaturi tagħhom, isiru minn korpi ta' valutazzjoni akkreditati;
- Filwaqt li l-verifika tal-konformità tat-tagħmir ta' l-ajruport għandha tkun parti miċ-ċertifikazzjoni tad-disinn ta' l-ajruport jew l-operatur, jiddependi skond l-użu maħsub tagħhom, it-tagħmir kritiku tas-sigurtà jista' jkun suġġett għal skemi ta' ċertifikazzjoni ddedikati, li jinvolvu l-possibbiltà ta' demonstrazzjoni tal-kapaċità tad-disinjatur u l-manifattur tagħhom, meta hekk speċifikat mir-regoli implimentattivi, wara li ssir valutazzjoni xierqa tal-benefiċċji ekonomiċi u tas-sigurtà jekk isir dan.

68. L-Aġenzija hija ta' l-opinjoni li l-politika hawn fuq deskritta hija l-aħjar mezz biex tirregola s-sigurtà u l-interoperabbiltà fi u ħdejn l-ajrudromi fit-territorju ta' l-Istati Membri. Hija tirrifletti l-maġġoranza tal-fehmiet espressi mill-partijiet kollha li wieġbu l-konsultazzjonijiet organizzati biex jippreparawha. Il-politika proposta torganizza wkoll it-tqassim ibbilanċjat tal-poteri konsistenti ma' l-istrutturi istituzzjonali tal-Komunità, billi tillimita ċ-ċentralizzazzjoni tal-poteri għal dak li jista' jintlaħaq aħjar mill-Kummissjoni jew mill-Aġenzija. Għalhekk l-Aġenzija tirrakkomanda li l-Kummissjoni tibda l-proċess leġiżlattiv ibbażat fuq l-Opinjoni preżenti.

Opinjoni ta' l-EASA Nru 3/2007

Cologne, XX Xahar 2007

P. GOUDOU
Direttur Eżekuttiv